**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 250 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Omar Djelassi**

Illum, 17 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Omar Djelassi, detentur tal-karta tal-identità numru 99097 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli:

B' diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, maghmula b' rizoluzzjoni wahda:-

Nhar il-5 ta' Mejju, 2020, it-28 ta' Mejju, 2020, il-5 ta' Gunju, 2020 u l-10 ta' Gunju, 2020, f' diversi hinijiet u f' diversi lokalitajiet f' Malta kif ukoll fi Triq l-14
ta' Dicembru 1945, il- Fgura kif ukoll fi bnadi ohra fil- Fgura -

(1) Ikkaguna lil Jolene Camilleri biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-

axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-artikoli 251B u 251H tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi gab ruhu b' mod li taha fastidju lil Jolene Camilleri u dan bi ksur tal-artikoli 251A u 251H tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Fl-istess dati, hinjiet, lokalitajiet u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li ser jaghmel xi reat u cioe' kontra Jolene Camilleri jew kif ukoll bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik ilpersuna jew xi persuna u cioe' Jolene Camilleri kif ukoll ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att Biex Jirregola Komunikazjonijiet Elettronici, Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Fl-istess dati, hin, postijiet u cirkostanzi ghamel lil Jolene Camilleri ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-Kodici u dan bi ksur tal-artikolu 339[recte (1)] (e) tal-Kodici Kriminali tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-09 ta' Gunju 2020 u l-10 ta' Gunju 2020 ghal habta ta' bejn 00:00hrs u fil- hinijiet ta' wara, fi Triq l-14 ta' Dicembru, 1945 gewwa l-Fgura Malta, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Jolene Camilleri, mobbli jew immobbli u cioe` fuq karozza Daihatsu Sirion numru tar-registrazjoni DOD 018, liema dannu ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda hu izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) rispettivament u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Jolene Camilleri, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Jolene Camilleri ai termini tal-Artiklu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 t' April, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 251 B, 251 H (a), 325 (1) (b) u 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 49 (a) (b) (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ikkundannatu sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal tletin xahar (30) mil-lum.

In oltre` ai termini tal-Artikolu 28 G (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal tletin (30) xahar u flimkien ma' din is-sentenza annettiet d-digriet dwar dan l-Ordni u iddikjarat illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 28 H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati jhallas lil Jolene Camilleri bhala kumpens ghall-hsara minnu kawzata, l-ammont ta' €150.

A tenur tal-artikolu 412 D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika li jinhtieg.

Finalment a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Jolene Camilleri ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Ordnat li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-artikolu 251 B tal-Kodici Kriminali, ordnat notifika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru Ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza w l-Governanza, kif ukoll lill-Avukat Generali.

Rat ir-rikors tal-appellant Omar Djelassi minnhu pprezentat fis-27 t' April, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMAHA** billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** l-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-piena imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz odjern.

**Piena Erogata**

2. Illi l-appellant, qieghed jinterponi dan l-umli appell fuq il-piena erogata kontra tieghu fejn l-appellant qed jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' dik ta' **sentejn (2) prigunerija** hija wahda sproporzjonata u eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi.

3. Illi bid-dovut rispett kollhu meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet sabiex tikkunsidra dwar il-piena, hi ma hadet xejn in konsiderazzjoni li minkejja li l-esponenti falla diversi appuntamenti, meta ta' l-kampjun tal-urina lill-ufficjal tal-probation dan irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi lleciti. Barra minn hekk, minkejja li l-esponent tpogga taht ordni ta' trattament, fejn anke gie mitkellem mill-Psikologu Dr Joe Cassar, l-istess psikologu qatt ma nghata c-cans illi tinstema' x-xhieda tieghu sabiex jirrapporta rigward l-istat psikologiku tal-esponent.

4. Illi *di piu'* , jigi ulterjorment rilevat, illi specjalment fil-kaz odjern, il-piena ta' prigunerija effettiva ma hi se tkun xejn ta' gid ghall-esponent, stante' illi jidher bic-car illi ghandu problema psikologika. Kien bosta drabi li l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena; izda jekk persuna denunzjata ser terga' tintbaghat sservi piena karcerarja, mhux ser ikun hemm l-ebda riforma, anzi s-sitwazzjoni jaf tiddeterjora izjed. Illi fl-umli fehma tal-esponent, dak li wassal lill-ufficjal tal-probation sabiex tipprezenta nota ta' denunzja kien illi l-esponent falla xi appuntament maghha, aktar milli minhabba t-testijiet tal-urina tieghu; stante' illi kif diga' gie rilevat, l-ufficjal tal-probation tenniet illi mit-test li ttehidlu huwa rrizulta fin-negattiv.

5. Illi decizjonijiet ricenti tal-Qrati taghna jkomplu jishqu fuq l-importanza tal-aspett riformattiv, aktar milli dak retributtiv, u dan anke' fil-konfront ta' imputati illi gew denunzjati u kienu mahkuma sew mill-vizzju tad-droga. Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Daniel Sapiano**[1], il-Qorti tenniet is-segwenti:

> *Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 il-Probation Officer Svetlana Bezzina ipprezentat ir-rapport taghha minn fejn jirrizulta li l-imputat kien jehtieglu li jkun taht supervizjoni u li jkollu element ta' deterrent fil-forma ta' sentenza ta' prigunerija*

[1] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-24 ta' April, 2017

*fil-forma sospiza taghha. Apparti minn hekk pero jirrizulta li l-istess Ufficjal tal-Probation, bir-ragun, tenniet li jkun ta' gid ghall-imputat li huwa jsegwi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuz mid-droga nonche li jsib l-ghajnuna tas-servizz offrut mill-Fondazzjoni ghall-vittmi tal-uzura.*

*Aktar minn hekk hija tenniet li jkun ukoll ta' gid ghall-imputat li huwa jingagga ruhu f' impjieg li jirrendilu paga stabbli u li ma joffrilux opportunita' facli ghal imgieba qarrieqa. Fil-verita tqis li l-imputat ghandu jhallas ghal eghmilu b' sentenza ta' prigunerija, b' mod partikolari ghaliex tradixxa lil min kien ihadmu u jtih il-hobza ta' kuljum. Mill-banda l-ohra hemm element imsemmi fil-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation li ma humiex ta' min jiskartahom. Il-piena tal-imputat ma ghandhiex tkompli zzid mal-piena li sofrew il-vittmi. Il-Qorti trid li l-imputat jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, billi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni fil-forma residenzjali tieghu.*

*Ghal dan il-ghan ukoll huwa ser jigi mpoggi taht Ordni ta' trattament ghal perjodu ta' tliet snin u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament. Il-Qorti tixtiequ li huwa b' hekk jibda jibni hajtu mill-gdid. Dan jista' jaghmlu biss bil-bzulija u mhux bl-ghazz, serq jew frodi. Irid jahdem bhal ma jaghmlu l-kumplament tac-cittadini onesti. Irid ihallas dejnu mal-vitma. Irid ihallas dejnu mas-socjeta' wkoll billi, wara li jkun ghamel il-perkors rijabilitattiv mill-vizzju tal-abbuz mid-droga b' success huwa jwettaq ghadd ta' sieghat ta' xoghol fil-komunita' . Huwa ghandu perjodu ta' sentejn li fihom jista' jwettaq dan ix-xoghol.*

*Il-Qorti tqis li dan huwa perjodu bizzejjed biex l-imputat iwettaq din ir-riforma importanti f' hajtu. Jekk jimxi ma din it-triq il-piena ta' prigunerija li sejjer ikun suggett ghaliha tibqa' sospiza fuq rasu. Jekk ma jimxix ma' din it-triq, il-piena ta' prigunerija ikollu jiskontaha. L-ghazla hija f' idejh.*

6. In oltre, fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Marica Muscat</u>[2],** il-Qorti wkoll tenniet illi l-imputat kellu jinghata opportunita' sabiex jirrijabilita minflok jintbaghat il-habs. Dik l-Onorabbli Qorti kellha xi tghid is-segwenti:

*Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputata hija recidiva kif fil-fatt tinsab akkuzata fl-ahhar zewg imputazzjonijiet fosthom illi hija kisret il-provvediment impost fuqha permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Jannar 2008 f' liema sentenza hija giet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn. L-imputata fil-fatt irnexxielha tikser dina l-kundizzjoni filwaqt li kienet tinsab tiskonta sentenza ta' prigunerija gewwa l-Habs. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputata ghandha problema serja ta' droga u li qatt ma gharrfet tindirizza dina l-problema.*

*Filfatt hija ma irnexxilhiex tindirizza dina l-problema lanqas meta kienet il-habs, anzi baqghet tabbuza mis-sustanza anke filwaqt li kienet inkarcerata. Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi piena karcerarja effettiva ser twassal ghar-riforma ta' l-imputata.*

*Ghalhekk l-Qorti ser taghti lill-imputata l-ahhar opportunita' biex tindirizza dina l-problema serja u ser tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront taghha bil-kundizzjoni illi hija ssegwi*

---

[2] Moghtija nhar it-12 ta' Dicembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qoerti ta' Gudikatura Kriminali

*programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li tiehu l-kura kollha li ghandha bzonn ghall-problemi psikjatrici illi ghandha.*

7. Nhar 28 ta' Gunju, 2018, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-appell bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nathan Cooper**[3]**,** tenniet is-segwenti:

> *Illi b' eccezzjoni ghall-principju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni fdata f' idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejha window of opportunity li l-Qrati taghna gharfu jisfruttaw f' sitwazzjonijiet fejn konferma ta' piena karcerarja tista' ma tkunx fl-ahjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-socjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bhala bniedem riformat jew almenu miexi sewwa f' dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerga' jsir cittadin denju u affidabbli fis-socjeta' .*

8. Simili tad-decizjoni appena citata, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, kienet diga' ppronunzjat ruhha f' dan is-sens fid-decizjoni ta' denunzja **Il-Pulizija v. Shalon Abela**[4], fejn il-Qorti ghamlet ezami profond tas-sitwazzjoni tad-denunzjat, u filwaqt illi kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija sospiza, l-istess Qorti ordnat illi d-denunzjat kellu jerga' jitqieghed taht ordni ta' probation ohra sabiex jerga' jinghata l-ghajnuna biex jirrijabilita ruhu.

> *Illi din il-Qorti hadet dan iz-zmien kollu sabiex tkun tista' ssegwi ahjar l-andament tal-imputat matul dan iz-zmien u tkun tista' twiezen l-imgieba tieghu wara li jkun inghata kull opportunita' fit-tul, biex tassew jiddeciedi li jbiddel ir-rotta ghan-nizla li qabad f' hajtu, tenut kont ukoll ta' l-eta tieghu (23 sena) meta nghatat is-sentenza.*

[3] Moghtija mlil-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il 28 ta' Gunju, 2018

[4] moghtija nhar il-21 ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

*Illi din il-Qorti kienet iddecidiet illi tittratta mal-imputat, tenut kont il-fedina penali refrattarja tieghu, bil-ghan illi flok ma jispicca jghaddi zmien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, illi f' dan il-kaz jidher li tali permanenza ma kinitx qed tkun ta' deterrent jew ta' xi beneficcju ghall-imputat, jinghata opportunita' ohra biex ibiddel hajtu ghall-ahjar.*

*Illi mid-diversi noti dwar l-andament tal-imputat, jirrizulta li l-imputat mhux qieghed jiehu din l-opportunita' bizzejjed bis-serjeta' , tant li jaghmel zmien ma jobdix ir-regoli u l-istruzzjonijiet moghtija lilu, jaghmel zmien jirranga l-imgieba tieghu u mbaghad jerga' lura ghall-aghar. Illi din assolutament ma kinitx il-mira ta' din il-Qorti meta ddecidiet li taghtih din l-opportunita' . Jidher li (1) l-imputat mhux qed jiehu dan il-gest lejh bizzejjed bis-serjeta' jew inkella (2) ghadu dghajjef wisq u mhux jirnexxielu jzomm lura mit-tentazzjoni li jerga' jaqa' ghad-droga.*

*Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tippermetti li persuna f' din is-sitwazzjoni tiskonta parti mill-piena taghha bhala servizz fil-komunita' , stante li dan jista' jkun ta' detriment ghall-membri ohra tas-socjeta' .*

*Illi ghalhekk l-imputat ma hux idoneju sabiex jesegwixxi l-Ordni ta' Servizz fil-komunita' ai termini tal-imsemmija sentenza. Illi, konsegwentament, din il-Qorti qeghda tirrevoka l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita li kien inhareg fil-konfront tal-imputat bhala parti minn Ordni ta' Probation u Servizz taht l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*U ai termini tal-Artikolu 21 (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tittratta mal-imputat daqs li kieku ghadu kif qed jigi dikjarat hati*

*minnha llum stess u tikkundannah tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin f' liema zmien l-imputat ghandu jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga ma' entita' kompetenti, u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.*

9. Illi in oltre, qieghda ssir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry[5],** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

   *F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga' jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

   *Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

10. Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottometti illi l-piena erogata fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva u sproporzjonata, iktar u iktar meta l-Qrati taghna taw cans u diversi opportunitajiet ohra lil persuni illi kellhom fedina penali kkulurita u kienu sahansitra recedivi, b' mod specjali lil persuni li jkollhom bzonn rijabilitazzjoni.

Illi finalment, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ukoll, sabiex matul is-smiegh tal-appell tieghu, l-esponent jkollu l-opportunita' illi jerga' jharrek lill-ufficjal tal-*probation* illi kienet issegwih, sabiex din l-istess ufficjal tal-Probation taghti *update* tal-

[5] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Marzu, 2014

hajja tal-esponent kif ukoll ikun jista' jaghti x-xhieda tieghu l-psikologu li segwieh u li qatt ma nghata l-opportunita' li jinstema' u cioe l-Psikologu Dottor Joe Cassar.

Illi nhar l-1 ta' Gunju 2021 dehret il-parte civile Joelene Camilleri u ddikjarat I hija kella relazzjonimal-akkuzat appellant, liema relazzjoni illum intemmet pero baqghet b'relazzjoni ta' hbieberija mal-akkuzat. Tghid li illum il-gurnata m'ghadx ghandha pretensjoni fil-konfront tal-akkuzat.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dan fis-seduta tal-1 ta' Gunju,2021

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-piena kominata kienet wahda eccessiva u esagerata u li mhix diretta ghar-riforma taghha. Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, ma huwiex normali li qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**[6]. 2.10.2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano** [7]13.11.2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**[8] 14.6.1999 u r-**Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**[9] 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti **Ir-Repubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo** [10]3.12.2015. Is-sentenza hawn skrutinata, ossia il-piena kominata wara s-sejbien ta' htija, ghalhekk ser tkun hekk ezaminata minn din l-ottika;
Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija **fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Carmen Butler**[11] :

> *" … il-Qorti tal-Appell, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' ottubru, 2002
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 2003
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Gunju, 1999
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2003
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Dicembru, 2015
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2009

*sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit- tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."*

Huwa evidenti mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti meta giet biex taghti l-piena hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kellha u li setghet tiehu in konsiderazzjoni fosthom is-segwenti fatturi:-

a. Il-fatt li l-appellant kiser diversi drabi l-Ordni ta' Supervisjoni fuquimposta. Tant lighamle kuntatt al-ufficcjal f'okkazjoni wahda biss qabel ma rega gie arretat . Ma kienx jattendi ghall-appuntamenti maghha filwaqt li attenda ghall-inqas minn nofs l-appuntamenti li kellu mas-Sedqa tant li ghalqu l-kaz tieghu.
b. Wera ftit li xejn interess sabiex jghin lilu nnifsu u jgharaf jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu tant li m akkopoera xejn mas-sistema.

Jinghad li l-fatt li appellant ma jkunx sodisfatt bil-piena erogata ma jfissirx li dik il-piena ma kenitx gusta fic-cirkostanzi kollha u partikolari tal-kaz. L-appellant jghamel referenza ghal divesi sentenzi omghtija minn dawnil-Qrati fejn kienhemm tibdil fil-piena pero jekk wiehed jara dawn is-entenza jinduna li kien hemm raguni siewja ghal tali tibdil u dan ma sarx in a vacum. Jigi rilevat ukoll pero in kwantu ghall-kwistjoni ta' disparita` bejn is-sentenza appellata u s-sentenzi l-ohra citati mill-appellant, filwaqt li bhalma solitament jinghad il-paraguni huma odjuzi – anke ghaliex ic-cirkostanzi fil-kazijiet citati kienu differenti – ssir referenza ghal dak li ntqal f' **R. vs Large** [12] dwar il-kwistjoni ta' disparita' f'sentenzi:

[12] 3 Cr. App. R. (S) 80, C.A

> *"The Court will not make comparisions with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant.[13]"*
>
> *"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders **involved in the same case** irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied.[14]"*

It-test f'**Fawcett** hu f'dan is-sens :

> *"Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice ?[15] "*

Illi ghalhekk din il-Qorti esaminat in funditus l-ati u dan sabiex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti fejn kkundannat lill-appellant piena ta' prigunerija ta' sentejn kienx wiehed gust u jimmeritax li jigi konfermat.

Ikkunsidrat.

Il-fati i taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:_

1. Illi nahr il-11 ta' Gunju 2020 l-akkzuat appellant tressaq il-Qoritquddiem il-Magistrati Inkwirenti akkzuat b'diversi reati interalia bir-reat li ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra Joelene Camilleri, ta' fastidju lil-istess oelene Camilleri, uzu mhux xieraq ta' telekomunikazzjonielettronika bilihedded lill-istess Joelene Camilleri, ingurja uhedded lil Joelene Camilleri u aktar talli bejn id-9 ta' l-10 ta' Gunju 2020 gewwa l Fgura ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Daihatsu Sirion numru ta' registrazzjoni DOD 108 proprjeta ta' Joelene Camilleri.
2. Dakoinahr f'din l-istess prezentata giet esebita l-fedina penali tal-akkzuat appellant li kient wahda nadifa mingharj ebda tebgha ta' reat jew kotnravenzjni

[13] Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice,2001) (para. 5-174, p.571
[14] sottolinear ta' din il-Qorti
[15] per Lawton L.J. in R vs Fawcett , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A

registrat fuqha  u rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

3. Illi nahr it-18 ta' Gunju 2020 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorit ta' Gudikatura Kriminal ghaddiet biex taghti s-entenza taghha u da nbili iddikjarat lill-akkzuat hati tal-akkuzi fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija  li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta giet sospiza ghall-perijodu ta' tlettin (30) xahar. Oltre dan ordnat il-hrug ta' ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-kap 9 tal-ligijeti ta' Malta u Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-parte civile Joelene Camilleri.
4. L-ewwel Qorti ordnat ukoll li l-akkuzat appellant jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-perijodu kollu ta' tlettin (30) xahar taht numru ta' kundizzjonijiet hemm imsemmija.
5. Il-Qorti ordnat lill-hati ihallas is-somma ta' €150 lil Joelene Camilleri bhala kumpens ghal-hsara sofferta minnha.
6. Illi permezz ta' nota prezzentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-ufficcjal tal-probabtion Sarah Bezzina infurmat il-Qorti  sabiex tissorvelja lill-akkzuat appellanti.
7. Illi nhar it-23 ta' Ottubru, 2020 l-Ufficcjal tal-probabtion Sarah Bezzina infurmat lil Qorti li l-hati kien qed jonqos milli izomm kuntatt maghha  u ghalhekk ma setghetx tagheml is-supervizjoni kif mehtieg . In oltre infurmat lil Qorit li kien naqas li jiehu it-Trattament  hekk kif mistenni sabiex jiehu kura psikologika skond l-Ordni ta'
8. Trattament moghti fl-sitess jum tas-sentenza.
9. Illi dan ir-rikros gie appuntat ghas-smiegh ghalnhar id-9 ta' Novembru 2020 u l-hati appellant naqas li jidher u giet esebita riferta prosittiva tieghu , fejn instab hati ta' disprezz u gie kkundannat ihallas multa ta' mitt euro (€100).
10. Illi fis-eduta tas-16 ta' Dicembru 2020 l-ufficcjal prosekutur informa lil Qorti li l-akkuzat appellant ma setax jinstab  u l-Qorti ordnat li jitpogga fuq il-*wanted*

*list* u jittiehdu dawk il-mizuri kollha anke permezz tal-emdia sabiex l-akkzuat jinstab u jigi arrestat bla dewmien.

11. Nhar id-19 ta' Jannar, 2021 deher l-akkuzat appellant quddiem l-ewwel Qorti inassistit u xehdet l-ufficcjal tal-probabtion Sarah Bezzina u dakinhar l-ewwell Qorti ghaddiet biex tinnomina lil Dr Cassar u l-psikologa Kristina Bettanzaz sabiex jghidu jekk l-akkuzat appellant hux f'posizjoni i jsegwi l-andament ta' dawn il-proceduri u li jsegqi l-ordnijiet tal-probation.
12. Nhar it-8 ta' Marzu 2020 xehdet l-ufficcjal tal-probabtion Sarah Bezzina u u din kkonfermat li nhar is-16 ta' Lulju 2020 l-akkzuat kien attenda ghall-apputnament minghajr il-maskla u ghalhekk ma setghetx tiltaqa' mieghu u dan skond l-ordnijiet tad-dipartiment. Ghalhekk raga mar ghall-appuntament iehor nhar il-31 ta' lUlju 2020 fejnkieninfurmahali kien tkellem ma Juan Vella tas-Sedqa pero fl-4 ta' Settembru 2020 kienspicca arrestat u ghalhekk tkelmet mieghu fuq it-telefon waqt li kien il-habs.
13. In segwitu l-akkuzat inghata il-bail u minkejja li l-ufficcjal tal-probation Sarah Bezzina baghtitlu apputnatmenti sabiex imur kellimha dan naqas li jghamel dan.Tghid li kien jghidilh ali ma jiflahx pero certfikati medici ma tahiex minkejja li talbithomlu .
14. Minn kuntatt li ghamlet ma dan Juan irrizulta mli mill-24 apputnament li tah l-akkzuat attenda biss ghal ghaxra minnhom u kienghalhekk li s-Sedqa ghalqu l-kaz tieghu.
15. Illi nhar it-12 ta' April 2021 xehdet l ufficcjal tal Probabtion Sarah Bezzina u spejgat li l-akkuzat inghata bail fuq kaz iehor nhar is-26 ta' Frar, 2021. Fit-2 ta' Marzu 2021 kien amr l-ufficcju taghha u qallha li kien qed jahdem ma habib ta' missieru fuq xoghol ta' kisi u likellu aputnament mal Caritas ghal nahr l-4 ta' Mrzu 2021. Dakinhar kien attenda l-Caritas u halla kampjun tal-awrina tieghu li ta' rizultat negattiv ghal presenza ta' droga . Kien gie ppjanat li jsir test iehor nhar is-17 ta' Marzu 2021 pero nhar il-11 ta' Marzu kienet giet infurmata li l-akkzuat kien rega qiegehd il-habs fuq kaz separat.
16. Illi huwa minnu kif stqarr l-akkuuat Dr Cassar ma xehdx f'dawn il-proceduri minkejja li kien gie nominat biex jesamina lill-akkuzat. pero nhar it-12 ta' April,

2021 l-avukat difensur tal-akkuzat tratta dan ir-rikors ta' denunzja u ghalhekk indirettament kien qed jirrnunzja tacitament ghal tali nomina.

Ikkundsidrat.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**[16]:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kazta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car lijservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi f'dan il-kaz l-ewwel Qorti kienet tat l-opportunita' lill-akkuzat sabiex izomm il-boghod mill-hajja kriminali tant li kienet issospendiet il-piena ta' prigunerija moghtija fis-sentenza taghha ghall-perijodu ta' sentejn u sahansitra biex tghid lill-istess akkuzat appellant kienet anke innominat ufficcjal sorveljanti biex jiehu hsieb lill-akkuzat bil-ghan li jindirizza l-problemi tieghu. Dan pero' ma sehhx u l-akkuzat appellant falla b'mod lampanti u jirrizulta li minkejja li kellu din il-piena ta' habs imdendla fuqu xorta ma tbieghedx mill-hajja kriminali tant li fetah kazijiet godda u ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu. Lanqas ma jirrizulta li proprju seħħet "ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena. Il-fatt li l-kwerelanti hafret lill-akkzuat ma iwassalx ghal din il-Qorti biex tbiddel il-piena imposta u dan ghaliex hija trid tassigura u tiehu hsieb l-interessi u tessut tas-socjeta li minnha jaghmel ukoll parti l-istess appellant

---

[16] moghtija fit-28 ta' Novembru 2006

Ghaldaqstant fil-kwadru tal-rpovi kif prodotti u fuq migbura din il-Qorti tara li ma hemm l-ebda raguni l-ghaliex ghandha tvarja l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk qeda tichad l-appellatt al-appeellant u tikkonferma is-sentenza appelata in toto.

Qeda ukoll tikkonferma l-ordni mahruga mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 412D tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn l-akkzuat tpogga that Ordni ta' trattament ghal zmien sentejn liema perijodu jibda jiddekorri mill illum u dan bil-ghan li jinghata jekk ikun irid l-ghajnuna psikologika u/jew psikjatrika mehtiega.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Habs biex jghin lill-akkzuat f'dan ir-rigward.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Regsitratur